**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis 25 ta' Frar, 2016**

**Rikors Guramentat numru:- 91/2014JVC**

**Angela mart John Debono ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsiefer Marcell Haber**

**Vs**

**Monica Haber**

**Il-Qorti,**

Rat r-rikors guramentat fejn Angela Debono ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer Marcell Haber ippremettiet:-

1. Illi dan ir-Rikors qed jigi akkompanjat minn talba ghal smiegh bl-urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali - peress li l-konvenuta sejra ssiefer lejn il-Canada fi zmien massimu ta' gimgha mil-lum u l-kaz kif inhu jehtieg decizjoni qabel ma titlaq, ghax il-konsegwenza tkun ta' dannu ghall-attur billi jitlef l-access hieles ghal hwejgu;

2. illi f'dan l-ahhar granet il-konvenuta ghamlet katnazz jew katnazzi fuq il-bieb divizorju ta' bejn l-appartament ta' fuq u dak ta' isfel u f'bibien ohra fil-fond maghruf bhala Ta' Luzju, fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex. Dan minghajr il-konoxxenza, konsultazzjoni permess tas-sid cioe' l-attur Marcell Habaer li jippossjedi din il-proprjeta' b'titolu ta' wirt mill-genituri tieghu u ghalhekk hu gid parafernali tieghu mentri l-konvenut ghandha biss jedd ta' kumpens ghal sehma dwar spejjez li saru matul iz-zwieg tal-kontendenti biex il-fond gie rikostruwit inghatat

jedd li tuza l-fond ghall-btala dment li ghadha mhix deciza l-kawza li se tissemma' hawn taht.

3. illi dan il-fatt abbuziv mhu xejn hlief spoll vjolenti, ricenti u klandestin kontra l-attur Marcell Haber u ironikament gie perpetrat issa, wara li l-imsemmija Monica Haber ma stmerritx timponi fuq l-istess zewgha separat fuq imsemmi l-mandat ta' inibizzjoni numru 20/2014JVC, f'dina l-Qorti, ghax kien biddel is-serraturi - biex jista' jkollu access – meta kienet hi stess irrifjutat li taghtih il-kopja tieghu tac-cwievet kollha meta kien se jigi Ghawdex mill-Canada, u li f'dik l-epoka kienu jinsabu f'idejha wara btala ta' wliedu fil-fond.

4. illi skont ftehim li ghandhom il-partjiet, milhuq bonarjament fil-Qorti waqt l-ewwel seduta fil-kawza Rik. Gur. Nru. 36/2014 JVC, hi ghandha tuza biss il-parti ta' isfel tal-proprjeta' in meritu dment li tkun Ghawdex ghall-btala u tirritorna c-cwievet kollha lill-avukat ta' fiducja taghha Dr Joshua Grech qabel titlaq u xejn izjed. Permezz ta' ittra lil Dr Grech mibghuta fit-28 ta' Ottubru 2014 hu gie mfakar biex jinsisti mal-konvenuta biex twettaq dan il-ftehim u thalli access liberu ghall-bqija tal-fond peress li jista' jkun hemm htiega li jsir it-tbattil tal-fossa u/jew jigi verifikat is-servizz ta' elettriku, plumbing jew drenagg - kemm bi htiega ta' manutenzjoni jew tiswija kif ukoll f'xi emergenza waqt l-assenza ta' Monica Haber minn dawn il-Gzejjer. Anzi giet mitluba permezz tal-istess avukat biex tnehhi kwalunkwe oggett personali qabel titlaq, u dan biex Marcell Haber ma jitghabbiex b'responsabbilta' zejda.

5. illi ebda risposta ma nghatat lil Dottor Galea mill-imsemmi kollega u issa rrizulta li dan agir abbuziv u naccettabbli tal-konvenut kif fuq espost.

6. tali agir abbuziv gie skopert b'kumibanazzjoni mill-esponenti u zewgha John meta marru fuq il-post "Ta' Luzju" biex jaraw hux kollox jinsab sew u dan fuq inkarigu tal-imsemmi Marcell Haber. Huma hadu xi ritratti tat-tiskir illegali li ghamlet il-konvenuta u li qed jigu esebiti hawnhekk immarkati Dok A, B u C pero' mhux maghruf hemmx iktar katnazzi jew bdil ta' serraturi fil-bibien interjuri tal-fond.

Talbet ghalhekk li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull accertament dwar l-entita' u konsistenza ta' dan l-oltragg fuq il-proprjeta' ta' l-imsemmi Marcel Haber:

i. tiddikjara l-agir tal-konvenuta huwa abbuziv u jikkostitwixxi spoll vjolenti, ricenti u klandestin fis-sens tal-ligi.

ii. tiddikjara li l-attur – kif hawn rapprezentat - agixxa validament fil-perjodu koncess mil-ligi li tirregola dan it-tip ta' abbuz;

iii. tikkundanna lill-konvenuta sabiex b'mod immedjat jew zmien massimu u perentorju ta' erbgha u ghoxrin (24) siegha tnehhi kull katnazz jew tiskir tal-bieb divizorju bejn il-flat ta' fuq u dak t'isfel u kull katnazz jew tiskir li mux bic-cwievet normali ezistenti.

iv. fin-nuqqas ikun awtorizzat Marcell Haber permezz tal-Mandatarja tieghu fuq imsemmija jaghmel ix-xoghol mehtieg ghall-akkwist mill-gdid tal-acess originali.

v. tordna lill-konvenuta biex qabel issiefer tirritorna c-cwievet kollha lill-Avukat Joshua Grech kif obbligat ruhha quddiem din il-Qorti skont verbal ta' Mejju 2014 fil-kawza bejn l-istess kontendenti Rik. Gur., Nru. 36/2014 JVC

bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Monica Haber li kkonfermat bil-gurament taghha:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondanti fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

2. illi l-attur irid jipprova illi ghandu r-rekwiziti kollha essenzjali ta' l-*actio spolii* u dan inter alia a tenur tal-Artikoli 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. illi l-konvenuta kienet giet awtorizzata illi tabita fil-fond imsemmi skont verbal ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Monica Haber vs Marcel Haber, kopja ta' liema verbal qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.

4 illi l-attur irid jipprova illi ghandu r-rekwiziti kollha essenzjali ta' l-*actio spolii* u dan inter alia a tenur tal-Artikoli 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. illi l-konvenuta kienet giet awtorizzata illi tabita fil-fond imsemmi skont verbal ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Monica Haber vs Marcel Haber, kopja ta' liema verbal qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.

4. illi fi kwalunkwe kaz il-konvenuta ma kkommettiet l-ebda spoll.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-mertu llum huwa ezawrit izda l-partijiet baqghu ma ftehemux dwar l-ispejjez.

Fir-rigward ta' l-ispejjez il-Qorti mix-xhieda ta' Gemma Zammit tqis illi jirrizulta b'mod ampju li Marcel Haber kien qed jidhol fl-appartament li dak iz-zmien kienet qed tirrisjedi fih Monica Haber, b'ordni tal-Qorti, u dan minghajr ma lanqas jaghtiha pre avviz li ser jidhol u dan kollu wassal sabiex twahhal il-katnazz in kwestjoni ghalkemm dan ma jiggustifikax legalment l-agir tal-konvenuta.

**Decizjoni**

Fic-cirkostanzi u fis-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet dak iz-zmien il-Qorti tqis illi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur